# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 40

Il-Ħamis 18 ta' Novembru 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

40.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi ma jistax jattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun ftit tard għal-laqgħa wkoll. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġiji u ġew skużati.

### 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

40.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 39 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

40.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

40.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

40.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li l-proġett tar-restawr tax-xelters tal-Pjazza tal-Knisja jinsab fl-aħħar fażi tiegħu. Il-Kunsill qed jistenna l-installazzjoni tal-arloġġ tad-dawl minn Enemalta Plc biex ikun jista' jikkonkludi l-aħħar ftit xogħol l-*electrician*. Hekk kif ikun konkluż dan il-proġett issir l-inawgurazzjoni tiegħu.

40.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-proġett ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Tax-Xadba jinsab fl-aħħar fażi wkoll u hekk kif jitlesta ssir l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett ukoll.

40.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-konkorrenza għall-Fun Run tal-President ta' Malta b'risq il-Malta Community Chest Fund li ser ssir il-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Ħadd 21 ta' Novembru 2021 hija tajba ħafna speċjalment mill-Club tal-Munxar Falcons FC li fi ħdanu rreġistraw 'il fuq minn 20 applikant.

40.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar l-iskema reġjonali maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Għawdex 'Librerij fil-Lokalita' 2021'. Huwa ppropona sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema biex jippubblika ktieb dwar il-lokalita' bil-għajnuna tal-awtur Mons. Dr. Joseph Bezzina. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.
Is-Sindku fakkar ukoll dwar iż-żewġ skemi reġjonali maħruġa mill-istess Kunsill Reġjonali Għawdex u li diġa' ssemmew ukoll f'laqgħat preċedenti. L-iskema 'Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi Ġodda 2021', il-Kunsill ser japplika għall-massimu tal-fondi biex ikopri x-xogħlijiet li preżentament il-Kunsill m'għandux finanzjament għalihom fir-rigward tal-proġett tal-belvedere ta' Triq L-Isqawi. Dwar l-iskema 'Kultura Għawdex 2021', il-Kunsill ser japplika biex itella' delegazzjoni ta' nies mill-Munxar f'lokalitajiet fin-naħħa ta' fuq tal-Italja sabiex il-Kunsill Lokali jkun promotur ewlieni tal-kultura li tinsab fil-lokalita' tal-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dawn iż-żewġ skemi ukoll.

40.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li attenda għal-laqgħa mas-Sindki l-oħra Għawdxin flimkien mal-Ministru tal-Edukazzjoni l-Onor. Justyne Caruana fejn hi spjegat il-viżjoni u l-investiment fl-edukazzjoni fl-irħula Għawdxin. Is-Sindku qal li minħabba fil-Munxar m'hemmx skola, huwa ser jipproponi xi attivitajiet ta' tagħlim għal wara l-ħin tal-iskola li jistgħu jsir fil-Munxar. Il-Kunsilliera Juliet Attard ipproponiet sabiex jibda jsir il-programm tal-edukazzjoni 'Nwar', 'Club Naħla' jew 'Ngħidu Storja Flimkien'. Kien hemm qbil mill-membri dwar dawn il-proposti.

40.3.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-attivita' marbuta mal-proġett li ser isir minn fondi ewropej tal-programm *Leader* li trid issir fi Triq L-isqawi wara nvestiment infrastrutturali hija ppjanata għax-xahar t'April 2022. Is-Sindku ppropona sabiex dan il-kunċert isir bis-sehem ta' 'Versatile Brass Band'. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

40.3.7 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar ħofor li hemm fi Triq il-Madonna tal-Karmnu wara li sar xogħol privat għall-konnessjoni tas-servizzi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħdu l-passi neċessarji mal-awtoritajiet konċernati.

KUNSILL LOKALI

## 40.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

40.4.1 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis staqsiet dwar il-possibilta' li tiġi esebita l-pjanta għall-pubbliku ta' kif ser tiġi l-Pjazza tal-Knisja la jkun lest ix-xogħol ta' riġenerazzjoni. Is-Sindku wieġeb li hekk kif jiġu approvati l-emendi mill-Awtorita' tal-Ippjanar li ġew sottomessi, tiġi nstallata bord informattiva.

40.4.2 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis staqsiet dwar meta ser jibda l-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Anfori fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar mill-Ministeru Għal Għawdex.

40.4.3 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li t-taraġ ta' Triq Puniċi li jagħti għal Triq San Xmun, it-triq fit-telgħa ta' Triq San Xmun, il-bankina tal-binja l-ġdida u l-konnesjoni tal-i*storm water culvert* għadhom ma sarux. Kien hemm qbil mill-membri li tinġibed l-attenzjoni tas-sid.

40.4.4 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil għarraf lill-membri li ż-żieda tal-*community officers* tal-aġenzija LESA qed tagħmel id-differenza fl-ordni tat-traffiku fix-Xlendi iżda ġibed l-attenzjoni lill-membri li 'il quddiem ser ikun hemm problemi fl-infrastruttura tat-toroq u s-servizzi minħabba ż-żieda fl-iżvilupp u l-bini tal-appartamenti.

40.4.5 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil staqsa dwar l-ATM tal-HSBC għax tinsab mitifija. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni għall-applikazzjoni sottomessa mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex jinbidel is-saqaf ta' dik il-*kiosk* minħabba l-ħsara strutturali li ġarrbet bil-maltemp. Huwa qal li x-xogħol mistenni jibda fiż-żmien qarib.

## 40.5 Proġett Pjazza tal-Knisja;

40.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li saret laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill, mal-Perit tal-kuntrattur u mal-kuntrattur innifsu. Bi qbil bejn il-partijiet saru xi emendi għall-pjanta oriġinali biex jiġu sottomessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar li jinkludu t-taraġ b'żewġ branki flok b'waħda, livelli għola fl-ispazzju ta' bejn il-parkeġġi, spazzju għal aktar ħdura ħdejn il-monument, kif ukoll il-konnessjoni tal-istorm

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

water culvert direttament mal-parti t'isfel minflok għal ġol-ġiebja. Il-Kunsill innota t-tibdil u kien hemm qbil mill-membri għal dan.

40.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva l-ittra ta' aċċettazzjoni mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għax-xogħol fuq l-estensjoni tal-*main* tad-drenaġġ faċċata ta' Triq Damasku.

40.5.3 Il-Kunsill irċieva dokument mingħand il-Band Of Valletta f'isem il-kuntrattur bi *pledge agreement* sabiex tkun ikkonfermata l-offerta u l-kuntratt tax-xogħlijiet li hemm bejn il-partijiet. Dan ġie kkonfermat.

40.5.4 Il-Kunsill irċieva stima mingħand il-Perit tal-kuntrattur dwar varjazzjonijiet li se jkun hemm fuq ix-xogħol tal-ġiebja fil-Pjazza. Il-Perit tal-Kunsill ikkonferma din l-istima. Il-membri tal-Kunsill irratifikaw l-approvazzjoni tal-Perit tal-Kunsill.

## 40.6 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;

40.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li tkompla x-xogħol ta' restawr fis-sular t'isfel mill-kuntrattur. Huwa qal li saret laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill, mal-Inġinier tal-Kunsill flimkien mal-kuntrattur biex jipproċedu bix-xogħlijiet f'din il-parti tat-torri.

40.6.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jitkompla x-xogħol fis-sular ta' fuq minħabba l-varjazzjonijiet li nqalgħu biex isir xogħol ta' restawr tal-affreski li nstabu.

40.6.3 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li ġew estiżi l-kuntratti mal-Perit tal-Kunsill kif ukoll mal-kuntrattur minħabba dawn il-waqfa fiż-żmien fis-sejbiet ta' dawn l-affreski, kif ukoll saret komunikazzjoni ma' Heritage Malta fuq l-istess suġġett.

## 40.7 Jum il-Munxar 2021;

40.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet sottomessa applikazzjoni għall-permess mill-awtoritajiet tas-saħħa u tat-turiżmu biex tittella' s-serata tal-okkażjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali bħas-soltu nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru 2021 wara l-quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja fl-4pm. Dwar

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

'Ġieħ il-Munxar', is-Sindku informa lill-membri li dan ser jintagħżel fil-laqgħa li jmiss.

**40.8 Attivitajiet tal-Milied 2021;**

40.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li suġġett għall-permess mill-awtoritajiet, qed jipproponi programm t'attivitajiet għal żmien il-Milied li jinkludi: kunċert minn BrassTubes band u jsegwi riċeviment żgħir b'ikel tradizzjonali tal-Milied akkumpanjat minn folklore band; ħarġa bit-train għat-tfal u film fiċ-ċinema; tqassim ta' rigali lit-tfal minn Father Christmas; ħarġa lill-anzjani ġewwa Betlehem f'Għajnsielem u ssegwi attivita' b'riċeviment; kollaborazzjoni mas-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin u ma' Munxar Falcons FC f'attivita' taħt it-tinda fi Pjazza tal-Knisja bis-sehem ta' diversi korijiet, gruppi mużikali u taz-zfin flimkien ma' xow ta' 3D-Mapping; u mixegħel bl-armar tal-Milied fil-Munxar u x-Xlendi. Huwa informa lill-membri li dan il-programm ser jittella' bl-appoġġ finanzjarju tal-Ministeru Għal Għawdex u tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. Kien hemm qbil mill-membri preżenti għal dan.

**40.9 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:**
**MXR/06/2021 – *Works Tender for the Setting Up of Smart Waste Depots in Xagħra and Xlendi*;**

40.9.1 Is-Sindku informa lill-membri li s-sejħa għall-offerti għall-proġett li se jkun iffinanzjat mill-Ministeru Għall-Ambjent biex isiru *commercial waste depots* fix-Xlendi ingħalqet u l-bord tal-evalwazzjoni qed jaġġudika l-offerti mitfugħa. Il-bord qed jistenna xi kjarifiki mill-offerenti u għalhekk ir-rapport finiali mistenni jasal il-Kunsill għall-approvazzjoni għal-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill innota dan.

**40.10 Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report : Jannar 2021 – Settembru 2021 (It-tielet kwart);**

40.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2021 sat-30 ta' Settembru li ntbagħtu wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.

40.10.2 Ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart Jannar 2021 – Settembru 2021 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 40.11 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

40.11.1 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni għall-permess mingħand l-Awotrita' tal-Ippjanar biex jinbidel is-saqaf tal-kiosk fejn hemm l-ATM tal-HSBC li ġarrab ħsarat infrastrutturali bil-maltemp. Il-Kunsill innota dan.

40.11.2 Il-Kunsill irċieva talba mingħand Transport Malta wara applikazzjoni sottomessa għandhom biex issir *disabled parking bay* fi Triq Iż-Żirżieb fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri li din m'għandhiex issir minħabba li l-post fejn propost mhux post fejn isir parkeġġ minħabba li hija żona ta' garaxxijiet u għalhekk m'għandux ikun hemm *disabled parking bay* quddiem proprjeta' ta' terzi.

40.11.3 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kappillan sabiex il-Kunsill jikkolabora fl-organizzazzjoni tad-*day centre* li jsir fiċ-Ċentru Parrokkjali billi jieħu ħsieb it-trasport għall-ħarġiet li jsiru darba fix-xahar. Fl-istess talba, il-Kappillan talab ukoll il-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex jinkera *cherry picker* biex isir tindif wara l-istatwa tas-Salvatur fil-faċċata tal-Knisja. Kien hemm qbil mill-membri għal dawn it-talbiet mill-parroċċa.

40.11.4 Il-Kunsill irċeva korrispondenza mingħand il-Ministeru Għal Għawdex b'*addendum* għall-kuntratt li kien sar biex jingħata finanzjament għal Triq il-Munxar. Kien ġie propost u eventwalment milqugħa t-talba biex il-flus li ma kienx utilizza l-Kunsill għal Triq il-Munxar, imorru għall-installazzjoni ta' *speed humps* u wiċċ ġdid għal Sqaq Wied L-Għawdxija li jinsabu fl-istess triq. Barra minn hekk il-Kunsill kien talab ukoll sabiex issir mill-ġdid T/G fi Triq il-Qsajjem bit-tarmak iżda din ġiet rifjutata minħabba li tali xogħlijiet huma fir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali. F'din il-korrispondenza, il-Ministeru Għal Għawdex talab lill-Kunsill sabiex jipproponi proġett ieħor sabiex jintuża' l-finanzjament li kien hemm allokat. Kien hemm qbil mill-membri sabiex b'dawn il-fondi li hemm disponibbli jsir xogħol ta' *patching* u *re-surfacing* bil-konkos fi Triq Tax-Xadba filwaqt li tibqa' ssir pressjoni mal-Ministeru Għal Għawdex sabiex il-Gvern Ċentrali jagħmel T/G fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

40.11.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Green Mt b’fattura oħra li tkopri l-ispejjeż relatati ma’ ġbir ta’ skart kkontaminat mil-lokalita’, din id-darba li tkopri x-xhur ta’ bejn Lulju u Settembru 2021. Is-Sindku reġa’ għamel referenza għall-komunikat li d-Direttur Ġeneral għall-Gvern Lokali bagħat lill-Kunsill Lokali Il-Munxar permezz ta’ *email* nhar l-24 ta’ Settembru 2021 fejn ikkonferma u ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill m’għandu l-ebda obbligu li jħallas għal dan l-iskart u li l-iskema trid timxi mal-obbligi kuntrattwali tagħha.

40.11.6 Il-Kunsill irċieva suġġeriment mingħand ‘JP2 Foundation’ sabiex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill tittella’ is-serata annwali ‘Saints and Souls’ ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Munxar din is-sena. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan is-suġġeriment.

40.11.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Avukat Dr Anthony Stellini għan-nom ta’ George Spiteri sabiex il-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni ta’ Kunsill preċedenti u jagħti n-*no objection* għat-tneħħija ta’ *kiosk* fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri preżenti fid-dawl ukoll tal-applikazzjoni sottomessa mill-Ministeru Għal Għawdex mal-Awtorita’ tal-Ippjanar DN 01397/21 għar-riġenerazzjoni ta’ Pjazza Anfori liema *kiosk* mhix fil-pjanta proposta.

40.11.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva WIFI4EU. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.9 Ċirkulari SPI/SCI/8/2021 – Finanzjament ta’ Proġetti Kapitali – Aċċessibilita’ u Mobilita’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.10 Ċirkulari SPI/SCI/9/2021 – Il-proċess u l-finanzjament ta’ *Grant Schemes* lill-Kunsilli Reġjonali/Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.11 Ċirkulari DLG 11/2021 – Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.12 Ċirkulari Nru AKL 2021/107 – AKL Webinar – Info Session Sports u Attivitajiet Fiżiċi għall-Kunsilli Lokali 11/11/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

40.11.13 Ċirkulari Nru AKL 2021/108 – Ħinijiet u żamma tal-Ordni waqt il-Fun Run tal-President. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.14 Ċirkulari Nru AKL 2021/109 – Proposta Metro. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.15 Ċirkulari Nru AKL 2021/110 – Cat Feeders. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.16 Ċirkulari Nru AKL 2021/111 – World Town Planning Day seminar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.17 Ċirkulari Nru AKL 2021/112 – AKL Webinar – Info Session Level Up Residents 'Fundamentals Through Education' 24/11/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.18 Ċirkulari Nru AKL 2021/113 – L&M – Managing Residents Experience & Customer Care – Mentor Aid Session 17/11/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.19 Ċirkulari Nru AKL 2021/114 – Update of Application – Active Ageing Community Care. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.20 Ċirkulari Nru AKL 2021/115 – EUROPEAN MOBILITY WEEK – EMAIL ADDRESS. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.21 Ċirkulari Nru AKL 2021/116 – Laqgħa ta' konsultazzjoni fuq installazzjoni ta' Charging Pillars. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.22 Ċirkulari Nru AKL 2021/117 – Update on status of PA funding with Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut u bagħat l-informazzjoni rikjesta.

40.11.23 Ċirkulari Nru AKL 2021/118 – Junior Science Club. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.24 Ċirkulari Nru AKL 2021/119 – Christmas Get Together 11/12/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.25 Ċirkulari Nru AKL 2021/120 – Fun Run Routes and Enforcement Officials. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

40.11.26 Ċirkulari Nru AKL 2021/121 – L&M – Leading People Training Session – 01/12/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.27 Ċirkulari Nru AKL 2021/122 – Tqassim ta' ilma għall-Fun Run. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.28 Ċirkulari Nru AKL 2021/123 – Stedina mill-President, il-Palazz nhar il-Ħadd 21 ta' Novembru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

40.11.29 Ilment 87/2021
Resident li joqgħod fi Triq Il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li qed jidħol l-ilma fir-residenza tiegħu minn taħt il-bankina. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiniqala' l-bankina mnejn qed jidħol l-ilma u ssir it-tiswija neċessarja.

40.11.30 Ilment 88/2021
Titlob sabiex tiġi rranġata t-triq quddiem ir-residenza tagħha fi Triq San Pawl fil-Munxar minħabba li qed iżomm l-ilma fit-triq. Kien hemm qbil mill-membri sabiex meta jsir il-*patching* bl-asfalt madwar il-lokalita', li ġeneralment isir minn żmien għal żmien, il-Kunsill jara jsibx soluzzjoni għal dan l-ilment.

40.11.31 Ilment 89/2021
Tilmenta dwar il-karozzi li qed jipparkjaw quddiem il-bieb tar-residenza tagħha minħabba li qed jibqgħu deħlin sa mal-faċċata eżatt u b'hekk m'għandhiex aċċess liberu biex tidħol. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill iġib approvazzjoni mingħand Transport Malta biex jinstalla *parking wheel stoppers* f'dawn iż-żewġ parkeġġi.

## 40.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

40.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 40/2021-8 għall-perjodu bejn it-22 t'Ottubru 2021 u t-18 ta' Novembru 2021 li tammonta għal €38,213.36 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil is-sekondant.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 40.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

40.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 9 ta' Diċembru 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 9 ta' Diċembru 2021.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR